IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

13 ta' Jannar 2015
04/2015

**LIVE-IN TAL-KAPPILLANI 2015**

70 kappillan tal-parroċċi f'Malta, u 15-il kappillan tal-parroċċi f'Għawdex, qegħdin jattendu għal-live-in annwali li qed isir fis-Seminarju tal-Arċisqof, tal-Virtù. It-tema għal-live-in ta' din is-sena hi l-Quddiesa tal-Ħadd u l-bini tal-komunità Nisranija. Flimkien mal-kappillani qed jattendu għal dan il-live-in, l-Isqof Charles J. Scicluna, Amministratur Appostoliku, u l-Isqof ta' Għawdex Mario Grech.

Il-*live-in* tal-kappillani beda llum, it-Tlieta 13 ta' Jannar, u jintemm nhar il-Ħamis 15 ta' Jannar 2015. Matul dawn it-tlett ijiem il-kappillani qed jisimgħu numru ta' esperjenzi ta' ċelebrazzjonijiet tal-Quddies li madwarhom inbniet komunità ħajja u attiva fil-parroċċa. Minbarra numru ta' saċerdoti, se jindirizzaw lill-kappillani koppji miżżewġa, familji, żgħażagħ, inkluż dawk li m'għadhomx jattendu l-Quddies. Il-live-in jipprovdi wkoll ħin għad-diskussjoni u talb fost il-kappillani.

Din is-sena, il-live-in ġie organizzat mill-Kunsill tal-Kulleġġ tal-Kappillani ta' Malta u dak ta' Għawdex.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org